A.L. 238 ta' l-2002

L-ATT TA' L-2000 DWAR L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI (ATT NRU. XXV TA' L-2000)

Regolamenti ta' l-2002 dwar it-Tqegħid fis-Suq ta' Gass Naturali

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 28 (1) ta' l-Att l-dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, hawn aktar 'il quddiem msejjaħ "l-Att", il-Ministru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, bidu fis-seħħ u skop

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu regolamenti ta' l-2002 dwar it-Tqegħid fis-Suq ta' Gass Naturali.

(2) (a) Dawn ir-regolamenti jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi u dati differenti jistgħu ikunu hekk stabbiliti għal disposizzjonijiet differenti u għal skopijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

(b) Avviż taħt il-paragrafu (a) ta' dan is-subregolament jista jagħmel dawk id- dispożizzjonijiet transitorji li jidhru lill-Ministru li jkunu meħtieġa jew li jkunu spedjenti in konnessjoni mad-disposizzjonijiet hekk miġjuba fis-seħħ.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom l-iskop li jkunu stabbiliti regoli għat-trasmissjoni, l-fornimentu l-ħażna tal-gass naturali. Huma jistabbilixxu r-regoli relatati ma' l-organizazzjoni u l-funzjonament tas-settur tal-gass naturali (LNG), l-aċċess għas-suq, l-operazzjoni ta' sistemi, u l-kriterji u l-proċeduri applikabbli għall-għoti ta' awtorizzazzjonijiet għat-trasmissjoni, d-distribuzzjoni, l-fornimentu l-ħażna tal-gass naturali.

Tifsir

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, sakemm il-kuntest ma jitlobx xorta' oħra:

"klijenti" tfisser klijenti bl-ingrossa jew finali ta' gass naturali u ta' impriżi ta' gass naturali li jixtru l-gass naturali;

"awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Riżorsi;

"linja diretta" tfisser *pipeline* ta' gass naturali komplimentari għas-sistema interkonnessa;

"distribuzzjoni" tfisser it-trasport ta' gass naturali minn ġo networks lokali u reġjonali bi skop tat-twassil tiegħu lil klijenti;

"impriża ta" distribuzzjoni tfisser kull persuna naturali jew legali li twettaq il-funzjoni tad-distribuzzjoni;

"klijent finali" tfisser konsumatur li jixtri l-gass naturali għall-użu tiegħu nnifsu;

"impriża integrata orizzontalmenta" tfisser impriża li mill-anqas twettaq xi waħda mill-funzjonijiet ta' produzzjoni, trasmissjoni, distribuzzjoni, forniment jew ħżin ta' gass naturali, kif ukoll attivita` li ma jkollhiex x'taqsam mal-gass;

"impriża ta' gass naturali integrata" tfisser impriża integrata vertikalment jew orizzontalment;

"sistema interkonnessa" tfisser numru ta' sistemi marbuta ma' xulxin;

"ippjanar fit-tul" tfisser l-ippjanar tal-kapaċità ta' forniment u trasportazzjoni ta' impriżi ta' gass naturali fuq bażi fit-tul bl-iskop li tintlaħaq id-domanda għall-gass naturali tas-sistema, id-diversifikazzjoni ta' sorsi u li jiġu żgurati l-fornimenti lill-klijenti;

"faċilità LNG" tfisser terminal li jintuża għal-likwefazzjoni tal-gass naturali jew għall-ħatt, il-ħżin u l-gassifikazzjoni mill-ġdid ta' LNG;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għar-riżorsi;

"impriża ta' gass naturali" tfisser kull persuna naturali jew legali li mill-anqas twettaq xi waħda minn dawn il-funzjonijiet; produzzjoni, trasmissjoni, distribuzzjoni, forniment, xiri jew ħżin ta' gass naturali inkluż LNG, li tkun responsabbli għax-xogħlijiet kummerċjali, tekniċi u, jew ta' manteniment relatati ma' dawk il-funzjonijiet, imma li ma jkunux jinkludu l-klijenti finali;

"impriżi relatati" tfisser impriżi affiljati, u, jew impriżi assoċjati, u, jew impriżi li jappartjenu lill-istess azzjonisti;

"sigurtà' tfisser kemm sigurtà ta' forniment u provvista, kemm sigurtà teknika;

"faċilità ta' ħżin" tfisser faċilità wżata għall-ħażna ta' gass naturali li tkun ta' impriża tal-gass naturali u, jew operata minnha, eskluża l-porzjoni wżata għall-operazzjonijiet ta' produzzjoni;

"impriża ta' ħżin" tfisser kull persuna naturali jew legali li twettaq il-funzjoni tal-ħżin;

"forniment" tfisser it-twassil u, jew il-bejgħ ta' gass naturali, inkluż LNG, lill-klijenti;

"impriża ta' forniment" tfisser kull persuna naturali jew legali li twettaq il-funzjoni ta' forniment;

"sistema" tfisser kull *network* ta' trasmissjoni u, jew *networks* ta' distribuzzjoni u, jew faċilitajiet ta' LNG li jappartjenu u, jew huma operati minn impriża ta' gass naturali, inklużi l-faċilitajiet li jissupplixxu servizzi anċillari u dawk ta' impriżi relatati meħtieġa biex jipprovdu aċċess għal trasmissjoni u distribuzzjoni;

"utent tas-sistema" tfisser kull persuna naturali jew legali li tforni lis-sistema jew li tkun fornuta minnha;

"trasmissjoni" tfisser it-trasport ta' gass naturali minn ġo *network* ta' *pipeline* ta' pressjoni għolja minbarra *upstream pipeline network* bl-iskop tat-twassil tiegħu lill-klijenti;

"impriża ta' trasmissjoni" tfisser kull persuna naturali jew legali li twettaq il-funzjoni ta' trasmissjoni;

"*upstream pipeline network*" tfisser kull *pipeline* jew *network* ta' *pipelines* operati u, jew kostruwiti bħala parti minn proġett ta' produzzjoni ta' żejt jew gass, jew użati biex iwasslu l-gass naturali minn xi wieħed jew aktar minn dawk il-proġetti sa impjant ta' pproċessar jew terminal jew terminal ta' ħatt f'tarf ix-xatt;

"impriża integrata vertikalmenta" tfisser impriża tal-gass naturali li twettaq ta' l-anqas tnejn jew iktar mill-funzjonijiet ta' produzzjoni, trasmissjoni, distribuzzjoni, forniment jew ħżin ta' gass naturali;

"klijenti bl-ingrossa", meta l-awtorita` kompetenti tagħraf l-eżistenza tagħhom, tfisser kull persuni naturali jew legali li tixtri u tbiegħ gass naturali u li ma jwettqux funzjonijiet ta' trasmissjoni jew distribuzzjoni fi jew barra minn sistema fejn ikunu stabbiliti.

Regoli ġenerali għall-organizazzjoni tas-settur.

3. (1) L-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura li, mingħajr preġudizzju għas-subregolament (2) ta' dan ir-regolament, impriżi ta' gass naturali u LNG jkunu awtorizzati u operati skond il-prinċipji ta' dawn ir-regolamenti bi skop li jinkiseb suq kompetittiv fil-gass naturali, u ma għandhiex tiddiskrimina bejn dawk l-impriżi kemm għar-rigward ta' drittijiet kemm ta' obbligi.

(2) Fl-interess ekonomiku ġenerali, il-Ministru, wara konsultazzjoni ma' l-awtorità kompetenti, jista' jimponi fuq impriżi tal gass naturali obbligazzjonijiet tas-servizz pubbliku li jistgħu jkunu jirrelataw għas-sigurta', inkluża s-sigurta' ta' forniment, ir-regolarita', il-kwalita' u l-prezz tal-fornimenti, u għall-protezzjoni ta' l-ambjent. Dawn l-obbligazzjonijiet għandhom jiġu definiti b'mod ċar, ikunu trasparenti, mhux diskriminatorji u verifikabbliġ dawn, u kull reviżjoni tagħhom, għandhom jiġu ppubblikati fil-Gazzetta mingħajr ebda dewmien. Il-Ministru jista' jintroduċi l-implimentazzjoni ta' l-ippjanar fit-tul, filwaqt li jikkonsidra l-possibbiltà li terzi jkollhom aċċess għas-sistema bħala mezz ta' twettiq ta' obbligi tas-servizz pubbliku f'relazzjoni mas-sigurtà ta' forniment.

(3) Il-Ministru jista' jiddeċiedi li ma japplikax id-disposizzjonijiet tar-regolament 4 dwar id-distribuzzjoni sa fejn l-applikazzjoni ta' dawn id-disposizzjonijiet toħloq xi xkiel, skond il-liġi jew fil-fatt, fit-twettiq ta' l-obbligazzjonijiet imposti fuq impriżi tal-gass naturali fl-interess ekonomiku ġenerali.

Awtorizzazzjonijiet mill-awtorita' kompetenti.

4. (1) L-awtorità kompetenti għandha tirċievi applikazzjonijiet u tagħti awtorizzazzjonijiet biex jinbnew u, jew ikunu operati dawk il-faċilitajiet ta' gass naturali, *pipelines*, u apparat assoċjat fit-territorju ta' Malta, skond is-subregolamenti (2), (3) u (4) ta' dan ir-regolament. L-awtorità kompetenti tista wkoll tagħti awtorizzazzjonijiet fuq l-istess bażi għall-forniment ta' gass naturali u għal klijenti bl-ingrossa.

(2) Konformi mas-subregolament (1), l-awtorità kompetenti għandha taddotta sistema ta' awtorizzazzjoni, u tistabbilixxi kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, li għandhom jitħarsu minn impriża li tkun qed tapplika għal awtorizzazzjoni biex tibni u, jew topera faċilitajiet ta' gass naturali jew li tkun qed tapplika għal awtorizzazzjoni biex tforni gass naturali. Il-kriterji u l-proċeduri għall-għoti ta' awtorizzazzjonijiet għandhom ikunu pubbliċi.

(3) Awtorizzażzjoni mogħtija mill-awtorità kompetenti għandha tkun suġġetta għal kull modifika u revoka skond dawn ir-regolamenti.

(4) Rifjut ta' awtorizzazzjoni għandu jkun ibbażat fuq raġunijiet oġġettivi u mhux diskriminatorji, li għandhom jiġu komunikati lill-applikant. Dak l-applikant jista' jappella minn rifjut ta' l-awtorità kompetenti biex tagħti awtorizzazzjoni lill-Bord ta' l-Appell dwar ir-Riżorsi stabbilit bl-artikolu 32 ta' l-Att, skond il-proċeduri hemm stabbiliti.

(5) Għall-iżvilupp ta' nħawi fornuti reċentement u t-tħaddim effiċjenti in ġenerali, u mingħajr preġudizzju għar-regolament 19, l-awtorità kompetenti tista' tirrifjuta li tagħti awtorizzazzjoni ulterjuri għall-bini u l-operazzjoni ta' sistemi ta' *pipelines* ta' distribuzzjoni f'xi nħawi partikolari f'Malta ġaldarba dawk is-sistemi ta' *pipeline* kienu jew huma ġa' proposti li jinbnew f'dawk l-inħawi u jekk il-kapaċità eżistenti jew proposta ma tkunx saturata.

Rekwiżiti minimi għad-disinn tekniku u l-kondizzjonijiet ta' tħaddim.

5. L-awtorità kompetenti għandha tiżviluppa jew twassal għall-iżvilupp ta' regoli tekniċi li jistabbilixxu r-rekwiżiti minimi għad-disinn tekniku u l-kondizzjonijiet operattivi għall-konnessjoni tas-sistema tal-gass naturali, faċilitajiet ta' ħażna, sistemi oħra ta' trasmissjoni jew distribuzzjoni, u linji diretti. Dawn ir-regoli tekniċi għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku. Dawn għandhom jiżguraw l-interoperabbilità tas-sistemi u għandhom ikunu oġġettivi u mhux diskriminatorji. L-awtorità għandha tippubblika dawn ir-regoli fil-Gazzetta tal-Gvern.

Impriżi ta' trasmissjoni, ħżin u, jew LNG.

6. (1) Impriża ta' trasmissjoni, ħżin u, jew LNG għandha topera, tmantni u tiżviluppa taħt kondizzjonijiet ekonomiċi, faċilitajiet ta' trasmissjoni, ħżin u, jew LNG siguri, affidabbli u effiċjenti, filwaqt li jitqies sew dak li jiġri lill-ambjent.

(2) Impriża ta' trasmissjoni, ħżin u, jew LNG ma għandhiex tiddiskrimina bejn utenti tas-sistema jew klassijiet ta' utenti tas-sistema, partikolarment favur l-impriżi relatati tagħha.

(3) Impriża ta' trasmissjoni, ħżin u, jew LNG għandha tipprovdi kull impriża ta' trasmissjoni oħra, kull impriża ta' ħżin oħra u, jew kull impriża ta' distribuzzjoni b'informazzjoni biżżejjed ħekk li jiġi żgurat li t-trasport u l-ħżin ta' gass naturali jista jsir b'mod kompatibbli mat-tħaddim sigur u effiċjenti tas-sistema interkonnessa.

Informazzjoni kummerċjalment sensittiva, miksuba minn impriżi ta' trasmissjoni, ħżin u, jew LNG.

7. (1) Mingħajr preġudizzju għar-regolament 11 jew għal kull obbligu legali ieħor li tiġi żvelata xi informazzjoni, kull impriża ta' trasmissjoni, ħżin u, jew LNG għandha żżomm il-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva miksuba fil-waqt tat-twettiq tal-kummerċ tagħha.

(2) Impriżi ta' trasmissjoni ma għandhomx, fil-kuntest ta' bejgħ jew xiri ta' gass naturali minn impriżi ta' trasmissjoni jew minn impriżi relatati, jużaw ħażin, jew b'xi mod jabbużaw minn informazzjoni kummerċjalment sensittiva, miksuba mingħand terzi fil-kuntest li tipprovdi jew tinnegozja aċċess għas-sistema.

Impriżi ta' distribuzzjoni.

8. L-awtorità kompetenti tista' timponi fuq l-impriżi ta' distribuzzjoni u, jew impriżi ta' forniment, obbligazzjoni li jitwasslu lill-klijenti li jkunu jinsabu fi nħawi specifici jew ta' ċerta klassi jew it-tnejn f'salt. It-tariffa għal dak it-twassil tista' tkun regolata sabiex tiżgura it-trattament ugwali tal-klijenti involuti.

Dmirijiet ta' impriżi ta' distribuzzjoni.

9. (1) Impriżi ta' distribuzzjoni għandhom joperaw, imantnu u jiżviluppaw taħt kondizzjonijiet ekonomiċi sistema sigura, affidabbli u effiċjenti, filwaqt li jitqies sew dak li jiġri lill-ambjent.

(2) Impriża ta' distribuzzjoni ma għandhiex tiddiskrimina bejn utenti tas-sistema jew klassijiet ta' utenti tas-sistema, partikolarment favur l-impriżi relatati tagħha.

(3) Impriża ta' distribuzzjoni għandha tipprovdi kull impriża ta' distribuzzjoni oħra, u, jew kull impriża ta' trasmissjoni u, jew ta' ħżin b'informazzjoni suffiċjenti biex tiżgura li t-trasport tal-gass jista jsir b'mod kompatibbli ma' l-operazzjoni sigura u effiċjenti tas-sistema interkonnessa.

Informazzjoni kummerċjalment sensittiva, miksuba minn impriżi ta' distribuzzjoni.

10. (1) Mingħajr preġudizzju għar-regolament 11 jew għal kull obbligu legali ieħor biex tikxef it-tagħrif, kull impriża ta' distribuzzjoni għandha żżomm il-kunfidenzjalità ta' infomazzjoni kummerċjalment sensittiva, li tinkiseb filwaqt li tkun qed tiġġestixxi l-kummerċ tagħha.

(2) Impriżi ta' distribuzzjoni ma għandhomx, fil-kuntest ta' bejgħ jew xiri ta' gass naturali mill-impriżi tad-distribuzzjoni jew impriżi relatati, jużaw ħażin, jew b'xi mod jabbużaw minn informazzjoni kummerċjalment sensittiva, li tinkiseb mingħand terzi meta dawn ikun qegħdin jipprovdu jew jinnegozjaw aċċess għas-sistema.

Dritt ta' aċċess għall-informazzjoni. Kap. 377.

11. Fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha, l-awtorità kompetenti għandha d-dritt ta' aċċess għall-kontijiet ta' l-impriżi tal-gass naturali kif stipulat fir-regolament 13 u informazzjoni rilevanti oħra. L-awtorità kompetenti għandha żżomm il-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva. Meta l-awtorità kompetenti tintroduċi eċċezzjonijiet għal dan il-prinċipju, tali eċċezzjonijiet għandhom ikunu suġġetti għall-Att dwar is-Segretezza Professjonali, u leġislazzjoni oħra dwar il-kunfidenzjalità u għandhom jiġu kkomunikati lil impriżi li jidħlu fl-iskop ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda l-awtorità kompetenti tista' tippubblika informazzjoni li tinkiseb skond dan ir-regolament f'forma aggregata jew miġbura.

Separazzjoni tal-kontijiet interni ta' l-impriżi ta' gass naturali.

12. (1) L-impriżi kollha tal-gass naturali, hi x'inhi is-sistema tagħhom ta' proprjetà jew struttura legali, għandhom jagħmlu, jissottomettu għall-verifika u jippubblikaw il-kontijiet annwali tagħhom skond ir-regoli tal-liġi ta' Malta. Impriżi li mhumiex legalment obbligati jippubblikaw il-kontijiet annwali tagħhom għandhom iżommu kopja tagħhom għad-disposizzjoni tal-pubbliku fl-uffiċċju ewlieni tagħhom.

(2) Biex ikunu evitati diskriminazzjoni, *cross-subsidation* u tgħawwiġ fil-kompetizzjoni, impriżi ta' gass naturali integrati għandhom, fil-kontijiet interni tagħhom, iżommu kontijiet separati għall-attivitajiet tat-trasmissjoni, d-distribuzzjoni u l-ħżin ta' gass naturali tagħhom, u fejn xieraq, kontijiet konsolidati għal attivitajiet li ma jkollhomx x'jaqsmu mal-gass, kif ikunu obbligati li jagħmlu meta dawk l-attivitajiet jiġu ġestiti minn impriżi separati. Il-kontijiet interni għandhom jinkludu karta tal-bilanċ u kont tal-qligħ u telf għal kull attività. Meta jkun japplika r-regolament 15 u l-aċċess għas-sistema jkun fuq bażi ta' miżata waħda kemm għat-trasmissjoni kemm għad-distribuzzjoni, il-kontijiet għall-attivitajiet ta' trasmissjoni u ta' distribuzzjoni jistgħu jiġu magħqudin flimkien.

(3) L-impriżi għandhom jispeċifikaw fil-kontijiet interni tagħhom ir-regoli għall-allokazzjoni ta' kull attiv u passivi, n-nefqa u d-dħul kif ukoll dwar kull tnaqqis fl-apprezzament, minghajr preġudizzju għar-regoli tal-kontijiet li jkunu japplikaw, u li huma jsegwu meta jħejju l-kontijiet separati msemmija fis-subregolament (2). Dawn ir-regoli jistgħu jiġu biss emendati f'każijiet eċċezzjonali. Dawk l-emendi għandhom jiġu msemmija u sostanzjati kif imiss.

(4) Il-kontijiet annwali għandhom jindikaw permezz ta' noti kull transazzjoni ta' ċertu qjies li ssir ma' impriżi relatati.

Aċċess għas-sistema.

13. Għall-organizzazzjoni ta' aċċess għas-sistema, l-awtorità kompetenti tista' tagħżel xi waħda jew iż-żewġ proċeduri msemmija fir-regolamenti 14 u 15. Dawn il-proċeduri għandhom joperaw skond kriterji oġġettivi , trasparenti u li mhumiex diskriminatorji.

Aċċess negozjat.

14. (1) Fil-każ ta' aċċess negozjat, l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri meħtieġa għal impriżi tal-gass naturali u klijenti eliġibbli jew minn ġewwa jew minbarra t-territorju kopert minn sistema interkonnessa biex ikunu jistgħu jinnegozjaw aċċess għas-sistema sabiex jikkonkludu kuntratti ta' forniment ma' xulxin fuq bażi ta' pattijiet kummerċjali volontarji. Il-partijiet għandhom jinnegozjaw aċċess għas-sistema *in bona fede*.

(2) Il-kuntratti għal aċċess għas-sistema għandhom ikunu negozjati ma' l-impriżi tal-gass naturali rilevanti. L-impriżi kollha tal-gass naturali għandhom jippubblikaw il-kondizzjonijiet kummerċjali ewlenin tagħhom għall-użu tas-sistema fl-ewwel sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti u fuq bażi annwali f'kull sena li tiġi wara.

Aċċess regolat.

15. Kemm-il darba l-awtorità kompetenti tagħżel proċedura ta' aċċess regolat, hija għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tagħti lill-impriżi ta' gass naturali u lill-klijenti eliġibbli koperti mis-sistema interkonnessa, dritt ta' aċċess għas-sistema, abbażi ta' tariffi ppubblikati u, jew kondizzjonijiet u obbligi oħra għall-użu ta' dik is-sistema.

Rifjut ta' aċċess għas-sistema.

16. (1) L-impriżi ta' gass naturali jistgħu jirrifjutaw aċċess għas-sistema abbażi ta' nuqqas ta' kapaċità jew meta l-aċċess għas-sistema jżommhom milli jwettqu l-obbligazzjonijiet ta' servizz pubbliku assenjati lilhom skond is-subregolament (2) tar-regolament 3 jew abbażi ta' diffikultajiet ekonomiċi u finanzjarji serji minħabba kuntratti *take-or-pay* b'konsiderazzjoni għall-kriterji u l-proċeduri stabbiliti fir-regolament 23. Għandhom jingħataw raġunijiet sostanzjati kif imiss għal dak ir-rifjut.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li l-impriżi tal-gass naturali li jirrifjutaw aċċess għas-sistema abbażi ta' nuqqas ta' kapaċità jew nuqqas ta' konnessjoni jwettqu t-titjib meħtieġ sa fejn ikun ekonomiku li dan isir jew meta l-klijent potenzjali jkun lest li jħallas għalih. F'ċirkostanzi fejn hija tapplika is-subregolament 4 tar-regolament 4, l-awtorità kompetenti għandha tieħu dawk il-miżuri.

Klijenti eliġibbli.

17. (1) L-awtorità kompetenti għandha tispeċifika l-klijenti eliġibbli, jiġifieri dawk il-klijenti li għandhom il-kapaċità legali li jagħmlu kuntratti dwar jew li jiġi mibjugħ lilhom, gass naturali skond ir-regolamenti 14 u 15.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri neċessarji biex tiżgura li l-ftuħ tas-suq tal-gass naturali jikber b'mod progressiv matul perjodu ta' għaxar snin.

(3) Impriżi ta' distribuzzjoni li għadhom mhumiex definiti bħala klijenti eliġibbli taħt is-subregolament (1) għandu jkollhom il-kapaċità legali li jagħmlu kuntratti dwar il-gass naturali skond ir-regolamenti 14 u 15 għal dak il-volum ta' gass naturali neċessarju biex ifornu lil dawk il-klijenti tagħhom definiti bħala klijenti eliġibbli fis-sistema ta' distribuzzjoni tagħhom.

(4) L-awtorità kompetenti għandha tippubblika sa l-aħħar ta' Jannar ta' kull sena il-kriterji għad-definizzjoni tal-klijenti eliġibbli msemmija fis-subregolament (1) flimkien ma' kull informazzjoni adatta rigward it-twettiq tal-ftuħ tas-suq tal-gass naturali.

Forniment permezz ta' linji diretti.

18. (1) L-awtorità kompetenti tista' tieħu dawk il-miżuri li tikkonsidra meħtieġa biex tippermetti:

(i) li impriżi tal-gass stabbiliti f'Malta ifornu lill-klijenti deskritti fir-regolament 17 permezz ta' linja diretta, u

(ii) li kull wieħed minn dawk il-klijenti eliġibbli f'Malta biex jkunu fornuti permezz ta' linja diretta minn impriżi tal-gass naturali.

(2) F'ċirkostanzi fejn tkun meħtieġa xi awtorizzazzjoni, inklużi liċenza, permess, konċessjoni, kunsens jew approvazzjoni, għall-kostruzzjoni jew l-operazzjoni ta' linji diretti, l-awtorità kompetenti għandha tistipula il-kriterji għall-għoti ta' awtorizzazzjonijiet għall-kostruzzjoni u l-operazzjoni ta' dawn il-linji fit-territorji tagħha. Dawn il-kriterji għandhom ikunu oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji.

(3) L-awtorità kompetenti tista' tagħmel awtorizzazzjonijiet biex tibni linja diretta soġġetta jew għar-rifjut ta' aċċess għas-sistema skond ir-regolament 16 jew għall-ftuħ ta' proċedura ta' arranġament tat-tilwim taħt ir-regolament 19.

L-arranġament tat-tilwim.

19. (1) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-partijiet jinnegozjaw aċċess għas-sistema *in bona fede* u li ħadd minnhom ma jabbuża mill-pożizzjoni ta' negozjar li jkollu biex itellef riżultat ta' suċċess f'dawn in-negozjati.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tistabilixxi mekkaniżmu li jkun jippermetti l-arranġamenti spedjenti ta' tilwim relatat ma' negozjati taħt is-subregolament (1). Dan il-mekkaniżmu għandu jintuża

biex jirranġa kull tilwim dwar in-negozjati u kull rifjut ta' aċċess taħt dawn ir-regolamenti. L-awtorità kompetenti għandha tippreżenta l-konklużjonijiet tagħha dwar l-arranġament tat-tilwima fi żmien raġonevoli mill-introduzzjoni tat-tilwima. Rikors għal dan il-mekkaniżmu ta' l-arranġament ta' tilwim għandu jkun bla preġudizzju għall-eżerċizzju ta' kull dritt ta' azzjoni quddiem il-Qrati.

Prevenzjoni ta' mġieba li xxekkel il-kompetizzjoni.

20. L-awtorità kompetenti għandha tirregola, tikkontrolla u tiżgura trasparenza tas-suq fil-gass naturali u LNG biex tevita kull abbuż ta' pożizzjoni dominanti, partikolarment għad-detriment tal-konsumaturi, u kull mġieba predatorja:

Iżda l-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti taħt dan ir-regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għal kull rimedju dwar l-abbuż ta' pożizzjoni dominanti u l-prevenzjoni ta' attività predatorja taħt kull liġi oħra li tapplika.

Aċċess għal klijenti eliġibbli

21. (1) L-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura li l-impriżi tal-gass naturali u l-klijenti msemmija bħala klijenti eliġibbli taħt ir-regolament 17, ikunu fejn ikunu stabbiliti, ikunu jistgħu jakkwistaw aċċess għall-*upstream pipeline networks*, inklużi faċilitajiet li jfornu servizzi tekniċi inċidentali għal dan l-aċċess, skond dan ir-regolament, bl-eċċezzjoni tal-partijiet ta' dawn in-*networks* u l-faċilitajiet li jintużaw għall-operazzjonijiet ta' produzzjoni lokali fis-sit fejn ikun prodott il-gass.

(2) L-aċċess imsemmi fis-subregolament (1) għandu jkun ipprovdut b'mod stabbilit mill-awtorità kompetenti. L-awtorità kompetenti għandha tapplika l-objettivi ta' aċċess ġust u miftuħ, il-kisba ta' suq kompetittiv fil-gass naturali u l-iskansar ta' kull abbuż ta' pożizzjoni dominanti, filwaqt li tikkonsidra l-interess ġenerali u ekonomiku, is-sigurtà u r-regolarità tal-fornimenti, l-kapaċità li tkun jew li tista' tkun raġonevolment disponibbli, u l-ħarsien ta' l-ambjent. Għandhom jiġu ikkunsidrati l-kriterji li ġejjin:

(a) il-bżonn li tirrifjuta aċċess fejn ikun hemm inkompattibbilità ta' speċifikazzjonijiet tekniċi li ma jistgħux ikunu raġonevolment megħluba;

(b) il-bżonn li tirrispetta l-bżonnijiet, sostanzjati kif imiss, ta' sid jew operatur ta' *upstream pipeline network* fit-trasport u l-ipproċessar tal-gass u l-interessi ta' l-utenti l-oħra kollha ta' l-*upstream pipeline network* jew il-faċilitajiet ta' pproċessar u manuvrar rilevanti li jistgħu jkunu effettwati; u

(ċ) il-bżonn li tapplika liġijiet u proċeduri amministrattivi għall-għoti ta' awtorizzazzjoni għall-produzzjoni jew l-iżvilupp *upstream*.

(3) L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi qafas għall-arranġament ta' tilwim b'aċċess għat-tagħrif rilevanti kollu, u dan biex tippermetti li kull tilwim dwar aċċess għall-*upstream pipeline networks* ikun irranġat b'mod speditiv, waqt li tikkunsidra il-kriterji fis-subregolament (2) u l-għadd ta' partijiet li jistgħu jkunu involuti fin-negozjati għall-aċċess għal dawk in-*networks*. Il-qafas għall-arranġament tat-tilwim stabbilit taħt ir-regolament 19(2) jista' jkun utilizzat fil-każ ta' tilwim taħt dan ir-regolament.

Miżuri ta' salvagwardja.

22. (1) F'każ ta' kriżi għall-għarrieda fis-suq ta' l-enerġija jew meta s-sigurezza fiżika jew is-sigurtà tal-persuni, apparat jew stallazzjonijiet jew l-integrità tas-sistema ikunu mhedda, l-awtorità kompetenti tista' tieħu kull miżura ta' salvagwardja meħtieġa għal żmien temporanju.

(2) Dawk il-miżuri għandhom jikkawżaw l-inqas disturb possibbli fil-funzjonament tas-suq u għandhom ikunu oġġettivi u effettivi u ma għandhomx ikunu usa fl-iskop milli hu strettament meħtieġ biex jirrimedjaw id-diffikultajiet immedjati li jkunu nqalgħu.

Diffikultajiet b'riżultat ta' obbligazzjonijiet *take-or-pay*.

23. (1) Jekk impriża tal-gass naturali tiltaqa', jew tikkonsidra li tista' tiltaqa' ma' diffikultajiet ekonomiċi u finanzjarji serji minħabba f'obbligazzjonijiet ta' xorta *take-or-pay* aċċettati f'kuntratt wieħed jew aktar ta' xiri tal-gass, tista' tintbagħat applikazzjoni għal deroga temporanja mir-regolament 14 u, jew mir-regolament 15 lill-awtorità kompetenti. Kull applikazzjoni għandha tiġi ppreżentata skond kull każ qabel ir-rifjut ta' aċċess għas-sistema. Meta impriża tal-gass naturali tkun bi ħsiebha tirrifjuta l-aċċess, l-applikazzjoni għandha tiġi ppreżentata mingħajr dewmien. Flimkien ma' l-applikazzjoni għandu jkun hemm l-informazzjoni kollha rilevanti dwar ix-xorta u l-kobor tal-problema u dwar l-isforzi li jittieħdu mill-impriża tal-gass biex issolvi l-problema:

Iżda għandha tingħata deroga mill-awtorità kompetenti, bl-approvazzjoni tal-Ministru, meta ma jkunx hemm soluzzjonijiet alternattivi raġonevolment disponibbli, u għandhom jiġu kkunsidrati d-disposizzjonijiet tas-subregolament (3).

(2) Fit-teħid ta' deċiżjoni dwar derogi msemmija fis-subregolament (1), l-awtorità kompetenti, għandha tikkunsidra, b'mod partikolari, dawn il-kriterji li ġejjin:

(a) l-objettiv li jinkiseb suq tal-gass kompetittiv;

(b) il-bżonn li jitwettqu l-obbligazzjonijiet tas-servizz pubbliku u li tkun żgurata s-sigurezza ta' fornimenti;

(ċ) il-posizzjoni ta' l-impriża tal-gass naturali fis-suq tal-gass u l-istat attwali tal-kompetizzjoni f'dan is-suq;

(d) is-serjetà tad-diffikultajiet ekonomiċi u finanzjarji li jiltaqgħu magħhom l-impriżi tal-gass naturali u l-impriżi tat-trasmissjoni jew il-klijenti eliġibbli;

(e) id-dati tal-firma u l-pattijiet tal-kuntratt inkwistjoni, inkluż safejn dawn ikunu jippermettu li jsiru bidliet fis-suq;

(f) l-isforzi mwettqa biex tinstab soluzzjoni għall-problema;

(g) il-punt safejn, meta kienu aċċettati l-obbligazzjonijiet *take-or-pay* inkwistjoni, l-impriża setgħet raġonevolment ipprevediet, fil-qies ta' dawn ir-regolamenti, li setgħu jinqalgħu diffikultajiet serji;

(h) il-livell ta' konnessjoni tas-sistema ma' sistemi oħra u l-grad ta' interoperabilità ta' dawn is-sistemi;

(i) l-effetti li l-għoti tad-deroga jista' jkollhom fuq l-applikazzjoni korretta ta' dawn ir-regolamenti f'dak li jirrigwarda l-funzjonament bla xkiel tas-suq tal-gass naturali intern; u

(j) kull fattur ieħor li l-awtorità kompetenti tista' tikkonsidra bħala li jwassal għal effett simili jew ekwivalenti għall-kriterji hawn qabel imsemmija.

(3) L-impriżi tal-gass naturali li ma jkunux ingħataw deroga taħt is-subregolament (1) ma għandhomx jirrifjutaw aċċess għas-sistema minħabba f'obbligazzjonijiet *take-or-pay* aċċettati f'kuntratt ta' xiri ta' gass. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li d-disposizzjonijiet rilevanti tar-regolamenti 13 sa 21 jiġu rispettati.

(4) Kull deroga li tingħata taħt id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandha tkun sostanzjata kif imiss. L-awtorità kompetenti għandha tara li tali deroga tiġi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

Ordnijiet ta' konformità.

24. (1) Meta l-awtorità kompetenti tinduna, jew għax tkun qed tmexxi investigazzjonijiet jew mod ieħor, li impriża soġġetta għal dawn ir-regolamenti tkun kisret xi waħda mid-disposizzjonijiet li jinsabu fihom, din għandha toħroġ ordni ta' konformità lill-impriża inkwistjoni, fejn tordnalha biex tikkonforma ruħha minnufih mad-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regolamenti.

(2) Mingħajr preġudizzju għal kull responsabbilità oħra taħt dawn ir-regolamenti, l-Att jew kull liġi oħra, impriża li ma tobdix ordni ta' konformità maħruġa mill-awtorità kompetenti tkun ħatja ta' reat u tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux inqas minn mitt lira u mhux iżjed minn elf lira għal kull ġurnata li matulha jdum għaddej ir-reat.

Iżda l-multa kollha flimkien ma tistax teċċedi l-ogħla multa ta' għaxart elef lira stabbilita fl-artikolu 31 ta' l-Att.

Reati u pieni.

25. (1) Impriża li tikser xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew ta' awtorizzazzjoni, inklużi liċenza, permess, konċessjoni, kunsens jew approvazzjoni, maħruġa taħthom, tkun ħatja ta' reat u tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux inqas minn wieħed fil-mija u mhux iżjed minn għaxra fil-mija tat-*turnover* annwali tagħha, sakemm dik il-multa ma tkunx teċċedi l-għaxart elef lira.

(2) Kull persuna li, meta tintalab informazzjoni dwar dawn ir-regolamenti mill-awtorità kompetenti, xjentement jew bi traskuraġni:

(a) tagħti informazzjoni falza, mhux eżatta jew li tfixkel; jew

(b) tagħti informazzjoni mhux kompluta; jew

(ċ) tonqos, mingħajr ebda kawża raġonevoli, milli tagħti informazzjoni fiż-żmien mogħti lilha; jew

(d) tipprevjeni jew tfixkel xi investigazzjoni; jew

(e) tipproduċi jew tforni, jew tikkawża jew xjentement tippermetti li jkunu prodotti jew forniti, xi dokument jew informazzjoni li tkun taf li jkunu foloz f'xi aspett materjali tagħhom,

tkun ħatja ta' reat u tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux inqas minn mitt lira u mhux iktar minn elf lira.

(3) Mingħajr preġudizzju għas-subregolamenti (1) u (2), meta impriża tonqos milli tikkonforma ruħha mad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għal perijodu li jeċċedi s-sitt xhur, l-awtorità kompetenti tista' tirrevoka l-awtorizzazzjoni ta' dik l-impriża. Awtorizzazzjoni tinkludi wkoll liċenza, permess, konċessjoni, kunsens jew approvazzjoni.